A.L. 17 ta' l-1994

ATT TA' L-1991 DWAR IL-KORPORAZZJONI GĦAS-SERVIZZI TA' L-ILMA
(ATT NRU. XXIII TA' L-1991)

Regolamenti ta' l-1994 biex Jiġu Stabbiliti l-Pieni dwar Servizzi ta' l-Ilma

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 45 ta' l-Att ta' l-1991 dwar il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, bl-approvazzjoni tal-Ministru għall-Ambjent, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1994 biex Jiġu Stabbiliti l-Pieni dwar Servizzi ta' l-Ilma.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor, "l-Att" tfisser l-Att ta' l-1991 dwar il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma.

Reati kontra l-artikolu 43 ta' l-Att.

3. Kull min jinsab ħati ta' reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 43 ta' l-Att, fil-każ li jinsab ħati għall-ewwel darba, jeħel multa ta' mhux anqas minn elf lira (Lm1,000) iżda mhux aktar minn elfejn lira (Lm2,000) u, fil-każ li jinsab ħati għat-tieni darba jew iktar drabi wara, għal multa ta' mhux anqas minn erbat elef lira (Lm4,000) iżda mhux aktar minn tmint elef lira (Lm8,000).

Reati kontra l-artikoli 50 u 51 ta' l-Att.

4. Kull min jinsab ħati ta' reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 50 jew ta' l-artikolu 51 ta' l-Att, fil-każ li jinsab ħati għall-ewwel darba, jeħel multa ta' mhux anqas minn mitejn lira (Lm200) iżda mhux aktar minn elf lira (Lm1,000) u, fil-każ li jinsab ħati għat-tieni darba jew iktar drabi wara, għal multa ta' mhux anqas minn elfejn lira (Lm2,000) iżda mhux aktar minn erbat elef lira (Lm4,000).

Reati kontra dispożizzjonijiet oħra ta' l-Att.

5. Kull min jinsab ħati ta' reat kontra l-Att li ma jkunx reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 43, 50 jew 51 ta' l-istess Att għandu, fil-każ li jinsab ħati għall-ewwel darba, jeħel multa ta' mhux anqas minn mitt lira (Lm100) iżda mhux aktar minn sitt mitt lira (Lm600) u, fil-każ li jinsab ħati għat-tieni darba jew iktar drabi wara, għal multa ta' mhux anqas minn elf u ħames mitt lira (Lm1,500) iżda mhux aktar minn elfejn u ħames mitt lira (Lm2,500).

Reati permanenti.

6. Meta reat imsemmi fir-regolamenti ta' qabel dan ir-regolament ikun reat permanenti, il-qorti għandha, b'żieda mal-multa preskritta fir-regolamenti msemmija, tagħti multa addizzjonali ta' mhux anqas minn ħamsin lira (Lm50) iżda mhux iktar minn ħames mitt lira (Lm500) għal kull ġurnata, jew parti minnha, li matulha tkun seħħet il-permanenza, b'dan illi l-multa għall-permanenza tar-reat u l-multa mogħtija bis-saħħa ta' dawk ir-regolamenti ma għandhiex tkun iktar, b'kollox, minn għaxart elef lira (Lm10,000).

Riserva għal piena oħla.

7. Il-pieni stabbiliti b'dawn ir-regolamenti għandhom ikunu japplikaw salv kull piena oħra oħla li jista' jeħel min jinsab ħati tar-reat taħt kull liġi oħra.